MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 659/2005

MrBookmaker.com Ltd.
vs
Stichting De Nationale Sporttotalisator

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici, MrBookmaker.com Ltd., kienet stabbilita bhala Kumpanija b’Kummerc Internazzjonali f’Malta, registrata ai termini tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta u kienet awtorizzata tezegwixxi attivitajiet kummercjali kif deskritti *fil-Memorandum and Articles of Association* ta’ l-istess socjeta`, senjatament li tipprovdi servizzi ta’ *online* u *remote gambling* u *gaming* inkluz *(sports) betting* independentement tal-lokazzjoni ta’ l-attivita` (sportiv);

Illi s-socjeta` attrici kienet ukoll licenzjata sabiex tezegwixxi l-attivitajiet sucitati mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob ta' Malta;

Illi permezz ta' citazzjoni datata 3 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet 'Stichting De Nationale Sporttotalisator-v-Curaworld N.V et' is-socjeta` konvenuta kienet fethet kawza kontra s-socjeta` attrici (fost ohrajn) fil-Qorti t'Arnhem, fl-Olanda fejn kienet talbet sabiex jigu restritti l-attivitajiet tas--socjeta` attrici, MrBookmaker.com Ltd., fir-rigward tar-residenti Olandizi;

Illi l-kawza sucitata kienet giet ceduta mis-socjeta` konvenuta f'dawn il-proceduri wara transazzjoni permezz ta' ittra datata 16 ta' Gunju 2003, indirizzata lill-avukat Eric van Gelderen, in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, u ffirmata mill-avukat Ewout Keuleers, ghan-nom tas-socjeta` attrici, fejn is-socjeta` attrici ntrabtet illi tiehu l-passi necessarji sabiex taghmilha kemm jista' jkun difficli ghal residenti Olandizi sabiex jippartecipaw fis-servizzi *online* taghha;

Illi ai termini tal-ligi ta' l-Unjoni Ewropeja, senjatament ai termini ta' l-Artikolu 49 tat-Trattat, socjetajiet stabbiliti f'pajjiz membru ghandhom ikollhom id-dritt u l-liberta` li jipprovdu u jirreklamaw is-servizzi taghhom fis-suq intern ta' l-Unjoni Ewropeja;

Illi, ghalhekk, s-socjeta` attrici, kif legalment stabbilita u licenzjata f'Malta kienet tista' legalment toffri u tipprovdi servizzi *on-line* lil persuni ohra residenti fl-Unjoni Ewropeja, inkluz lir-residenti Olandizi;

Illi ghalhekk il-ftehim sucitat tas-16 ta' Gunju 2003 kienet kontra l-ligi u konsegwentement nulla u bla effett;

Illi kemm ai termini tal-ligi Olandiza, kif ukoll ai termini tal-ligi Ewropeja, resident Olandiz kien jista' legalment jippartecipa f'loghob ***online***;

Illi, nonostante dan, is-socjeta` attrici, volontarjament u bhala sinjal tar-rieda tajba taghha, kienet tat lok ghal

mizuri necessarji sabiex taghmilha kemm jista' jkun difficli sabiex residenti Olandizi jippartecipaw fis-servizzi *online* taghha;

Illi minkejja l-isforzi sucitati tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta kompliet tostakola l-attivitajiet legali tas-socjeta` attrici permezz ta' ittri ta' theddid u mizuri ohra inkluz li tobbliga s-socjeta` attrici tuza ***geolocation software*** fir-rigward ***tas-servers*** taghha f'Malta, liema mizuri kienu jmorru oltre l-ftehim sucitat;

Illi dan l-agir da parti tas-socjeta` konvenuta kien imur kontra lftehim tas-16 ta' Gunju 2003 u peress illi s-socjeta` konvenuta kienet naqset mill-obbligu taghha ta' ***buona fede***;

Illi s-socjeta` attrici da parte taghha dejjem kienet applikat l-istess ftehim in buona fede u ma kenitx naqset mill-obbligi taghha f'dan irrigward;

Illi dan l-agir da parti tas-socjeta` konvenuta kien abbusiv, kontra l-principji tal-kompetizzjoni hielsa u vjolazzjoni tal-principju genrali tal-liberta` li tipprovdi servizzi ai termini ta' l-Artikolu 49 tat-Trattat;

Illi konsegwenza ta' dan l-agir tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici kienet sofriet id-danni inkluz telf fil-qliegh;

Illi s-socjeta` attrici kellha interess li tkompli tezegwixxi l-attivitajiet kummercjali taghha minghajr ostakoli u indhil da parti tas-socjeta` konvenuta;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet is-socjeta` konvenuta kienet baqghet tostakola u tindahal fl-attivitajiet tas-socjeta` attrici u kienet ippersistiet fl-agir abbusiv u illegali taghha;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` attrici hija legalment stabbilita u illicenzjata f'Malta u in kwantu hekk intitolata sabiex tezercita attivitajiet ta' loghob *online* u

*remote,* senjatament *sports betting* independentement mill-pajjiz li fih ikun qieghed isir l-isport u inkluz li tirriklama u toffri dawn is-servizzi permezz ta' *1-internet* u b' mezzi ohra, fl-Unjoni Ewropeja inkluz lir-residenti ta' l-Olanda;

2. tiddikjara u tiddeciedi li ai termini tal-ligi Maltija u ta' l-Unjoni Ewropeja, senjatament ai termini ta' l-Artikolu 49 tat-Trattat kif direttament applikabbli f'Malta, is-socjeta` attrici ghanda dritt legali li tezegwixxi attivitajiet u loghob *online* u *remote,* partikolarment *sports betting* independentement mill-lok ta' l-attivita`, u inkluz ir--reklamar u provvediment ta' dawn is-servizzi permezz ta' l-*internet* u pemezz ta' mezzi ohra fl-Unjoni Ewropeja inkluz lir-residenti ta' l-Olanda u dan abbazi ghad-dritt taghhom tal-liberta li jirreklamaw u joffru servizzi u tal-liberta` li jircievu servizzi rispettivament;

3. tiddikjara u tiddeciedi li l-agir tas-socjeta` attrici, senjatament li tirreklama u tipprovdi servizzi ta' *online* u *remote gaming* u *gambling,* ma jikkonsisti f'ebda att illegali u li l-access ghall-attivitajiet mir-residenti ta' l-Unjoni Ewropeja inkluz access ghas-*service platform* tas-socjeta` attrici li hija *hosted* u mmexxija rninn Malta ma taghtix fiha nnifisha vantagg abbusiv jew illegali favur l--istess socjeta` attrici u kontra s-socjeta` konvenuta;

4. tiddikjara u tiddeciedi li l-agir tas-socjeta` konvenuta fir-rigward tas-socjeta` attrici, senjatament li tillimita r-reklamar u l-provvediment tas-servizzi tas-socjeta` attrici fl-Unjoni Ewropeja, huwa abbusiv, illegali u jmur kontra kemm il-principju ta' kompetizzjoni hieles kif ukoll tal-liberta` li tipprovdi servizzi;

*5.* tiddikjara u tiddeciedi li kwalunkwe ftehim iffirmat bejn ilpartijiet, senjatament il-ftehim permezz ta' ittra datata 16 ta' Gunju 2003, sabiex jigu restritti l-attivitajiet tas-socjeta` attrici huwa illegali, null u bla effett, u/jew tiddikjara u tiddeciedi li l-mizuri addizzjonali li qeghda tfittex li timponi s-socjeta` konvenuta sabiex tfixkel l-attivitajiet tas-socjeta` attrici, senjatament illi timponi uzu tal-*geolocation software,* imorru oltre l-imsemmi ftehim u huma abbusivi u illegali u mhumiex in buona fede;

6. tordna u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex tiddezisti milli tkompli fl-agir illegali u abbusiv taghha, inkluz li tobbliga ssocjeta` attrici timplementa *geolocation software* fir-rigward tas*servers* taghha f'Malta jew permezz ta' kwalunkwe mizuri ohra, kemm provizorji kif ukoll protettivi, kemm jekk sfurzati u kemm jekk ristrettivi;

7. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni, inkluz it-telf fil-qliegh, subiti mis-socjeta` attrici b'konsegwenza ta' l-agir abbusiv u illegali ta' l-istess socjeta` konvenuta;

8. tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici, inkluz it-telf fi qliegh, konsegwenza ta' l-agir abbusiv u illegali tas-socjeta` konvenuta;

9. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas bis-socjeta` attrici lammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez u interessi legali kalkolati mid-data tal-prezentata ta' dan l-att kontra s-socjeta` konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Olga Finkel in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. In linea preliminari, illi din il-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi l-eccezzjonijiet li jsegwu kienu qed jinghataw subordinatament u minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni preliminari.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ewwel talba fic-citazzjoni kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda stante li l-fatt ma kienx pruvat li s-socjeta` attrici kienet licenzjata f'Malta sabiex tezercita

attivitajiet ta’ loghob *online* u *remote,* senjatament *sports betting,* ma kienx jintitolaha li toffri dawn is-servizzi permezz ta’ internet u mezzi ohra fl-Unjoni Ewropeja inkluz lil residenti ta’ l-Olanda kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-tieni talba attrici kellha tigi michuda peress li (i) ma kien hemm xejn fil-ligi Maltija li tippermetti l-agir tas-socjeta` attrici kontemplat fl-imsemmija talba; u (ii) l-Artikolu 49 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja bl-ebda mod ma jiggustifika l-agir tas-socjeta` attrici kontemplat fl-imsemmija talba kif kien ser jigi pruvat waqt ittrattazzjoni tal-kawza.

4. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-tielet talba attrici kellha tigi michuda stante li bhala fatt l-agir tas-socjeta` attrici kien jikkostitwixxi agir illegali kemm abbazi ta’ gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif ukoll abbazi tal-fatt li tali agir kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ligi Olandiza kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, ir-raba’ talba attrici kellha tigi michuda stante li l-agir tas-socjeta` konvenuta ma kien bl-ebda mod abbuziv u illegali u dan kemm abbazi ta’ gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja u tal-Qrati Olandizi u ligijiet Olandizi, kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, il-hames talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda stante li (i) l-Artikolu 49 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja kien jikkoncerna limitazzjonijiet ghal moviment liberu tas-servizzi li huma imposti minn Stati Membri u ma kienx jaffettwa kuntratti konkluzi bejn partijiet privati. Ghalhekk l-Artikolu 49 ma kienx jista’ jigi invokat mis-socjeta` attrici sabiex tigi ottenuta dikjarazzjoni li l-ftehim ta’ transazzjoni datat 16 ta’ Gunju 2003 kien illegali, null u bla effett u/jew ll l-mizuri li kienet qed tiehu s-socjeta` konvenuta sabiex timplementa l-imsemmi ftehim kienu abbusivi, illegali u

mhux in buona fede; u (ii) subordinatament u minghajr pregudizzju, anki kieku ghall-grazzja ta' l-argument l-Artikolu 49 fuq citat kien jista' jigi invokat xorta wahda din it-talba kellha tigi michuda stante li l-ftehim ta' transazzjoni datat 16 ta' Gunju 2003 bl-ebda mod ma kien jikser l-Artikolu 49; u (iii) il-mizuri li kienet qed tfittex li timponi s-socjeta` konvenuta kienu intizi semplicement sabiex jimplementaw il-ftehim tas-16 ta' Gunju 2003 u jissalvagwarjaw id-drittijiet legittimi taghha.

7. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, is-sitt talba tas-socjeta` attrici kellha tigi michuda ghar-ragunijiet esposti fis-sitt eccezzjoni ta' din in-nota li a skans ta' ripetizzjoni kienet qed issir referenza espressa ghalihom. Inoltre l-attivitajiet tas-socjeta` attrici kienu illegali u jikkostitwixxu delitt (tort) fil-konfront tas-socjeta` konvenuta abbazi tal-ligi Olandiza u tal-gurispnidenza tal-Qrati Olandizi.

8. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet kontenuti fil-paragrafi sebgha sa disgha tac-citazzjoni attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda peress li s-socjeta` konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici li fi kwalunkwe kaz kienu jridu jigu pruvati.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Caruana Scicluna in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Olga Finkel in rapprezentanza tas-socjeta` attrici.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Caruana Scicluna in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Peress li l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta hija li din il-Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza din id-decizjoni hija limitata ghal din l-eccezzjoni.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **John Bonello noe vs John Ripard noe et** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997 qalet:
"il-ġurisdizzjoni tal-Qrati trid qabel xejn tiġi determinata mill-mertu tat-talba li l-attur jitlob lill-Qorti biex tindaga u tiddeċiedi. Li jorbot hu l-mertu reali u ċentrali tat-talba attriċi u mhux aspetti marġinali jew aċċidentali tagħha."

Ghalhekk il-meritu tal-azzjoni huwa ferm importanti biex jiddetermina jekk din il-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni. Izda xorta wahda dan irid jigi kwalifikat minn fatturi ohra wkoll. Dan hu accettat miz-zewg partijiet f'din il-kawza.

Ir-regoli ta' gurisdizzjoni generali huma stabbiliti fil-Kap 12 Artikolu 742. Izda fis-sub-artikolu (6) tieghu insibu:

"Meta disposizzjoni issir taht xi ligi ohra jew f'xi Regolament ta' l-Unjoni Ewropea fejn tintghamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqghu taht dik id-disposizzjoni l-ohra u ghandhom biss japplikaw ghal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-ohra ma tapplikax".

Inoltre peress li Malta llum hija Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropeja, Regolamenti mahrugin mill-istess Unjoni Ewropeja japplikaw direttament u awtomatikament ghal Malta u jifformaw parti mill-legislazzjoni ta' Malta. Dan huwa principju baziku tal-ligi ta' l-Unjoni Ewropea. L-

Artikolu 249 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropeja ("it-Trattat") jipprovdi hekk:
"… A regulation shall have general application. It shall be binding in its entirety and directly applicable in all Member States…".

Inoltre l-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta) Artikolu 3 jipprovdi hekk:
"(1) Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti ezistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea ghandhom jorbtu lil Malta u ghandhom ikunu parti mil-ligi domestika taghha taht il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

(2) Kull disposizzjoni ta' ligi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandha, safejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tigi infurzata."

Ukoll l-Artikolu 4(1) ta' l-istess Att jipprovdi hekk:
"Dawk id-drittijiet, setghat, responsabbiltajiet, obbligi u restrizzjonijiet li minn zmien ghal zmien jinholqu jew johorgu minn jew taht it-Trattat, u dawk ir-rimedji u proceduri kollha li minn zmien ghal zmien ikun hemm provdut dwarhom bi jew taht it-Trattat, li skond it-Trattat ghandhom, minghajr ebda htiega ohra ta' ghemil ta' ligi, jinghataw effett legali jew jintuzaw f'Malta, ghandhom jigu rikonoxxuti u jkunu legalment invokabbli, u jigu infurzati, permessi u mharsa bhala tali".

Dan iwassal ghall-konkluzjoni li hija l-ligi tal-Unjoni Ewropeja u d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Unjoni Ewropeja (ECJ) li ghandhom japplikaw ghall-materji li huma espressament regolati minn tali ligi u interpretati minn tali Qorti, u mhux il-ligi Maltija u l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin. Il-principju tas-supremazija tal-ligi ta' l-Unjoni Ewropeja (li jinkludi wkoll il-principju tas-supremazija tal-gurisprudenza ta' l-ECJ inkwantu taghti interpretazzjoni tal-ligi ta' l-Unjoni Ewropeja), hija indiskutibbli.

F’dan l-isfond ir-Regolament Ewropew 44/2001 dwar il-Gurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Infurzar ta’ sentenzi f’materji Civili u Kummercjali huwa ta’ inportanza fundamentali. Iz-zewg partijiet f’din il-kawza jaqblu ma’ l-applikazzjoni tar-Regolament ghall-iskop tad-determinazzjoni tal-gurisdizzjoni.

Illi skond l-Artikolu 1 tal-imsemmi Regolament, huma d-disposizzjonijiet ta’ dan l-istess Regolament illi jistabbilixxu l-gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ l-Stati Membri f’materji civili u kummercjali [ara wkoll l-provvediment tal-Onor Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Gie Pari Mutuel Urbain (PMU) vs Zeturf Limited** deciz fid-9 ta’ Jannar, 2007 dwar id-distinzjoni ta’ materja amministrattiva minn wahda civili / kummercjali Art 1.1], u mhux ir-regoli ta’ gurisdizzjoni ta’ l-Istati Membri partikolari. Di fatti l-imsemmi Artikolu 1.1 ta’ l-imsemmi Regolament 44/2001 jipprovdi hekk :
“This Regulation shall apply in civil and commercial matters whatever the nature of the court or tribunal. It shall not extend, in particular, to revenue, customs or administrative matters”.

Fil-kaz in ezami l-vertenza hija wahda ta’ natura civili u/jew kummercjali. F’dan il-kuntest ir-regola generali ai termini ta’ l-Artikolu 2 ta’ l-imsemmi Regolament 44/2001 hija li persuna b’domicilju fi Stat Membru ghandha tigi mfittxija fil-qrati ta’ dak l-Istat Membru. L-Artikolu 2(1) jghid hekk:
“Subject to this Regulation, persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that Member State”.

Liema terminologija “Member State” a tenur tal-artikolu 1.3 tfisser Member States bl-eccezzjoni tad-Danimarka.

Fl-artikolu 3.1 insibu:
“1. Persons domiciled in a Member State may be sued in the courts of another Member State only by virtue of the rules set out in Sections 2 to 7 of this Chapter”.

Illi noltre il-Pre-ambolu 11 tar-Regolament 44/2001 jipprovdi illi
"The rules of jurisdiction must be highly predictable and founded on the principle that jurisdiction is generally based on the defendant's domicile and jurisdiction must always be available on this ground …The domicile of a legal person must be defined autonomously so as to make the common rules more transparent and avoid conflicts of jurisdiction".

Skond il-pre-ambolu 12 tar-Regolament jirrizulta li l-principji ta' gurisdizzjoni generali mhumiex l-unici principji ghax:
"In addition to the defendant's domicile there should be alternative grounds of jurisdiction based on a close link between the court and the action or in order to facilitate the sound administration of justice".

Huwa ferm interessanti dak li ssottomettiet is-socjeta` attrici fin-nota taghha u cioe`:
"… il-Qrati ta' Malta ma jistawx jichdu l-gurisdizzjoni taghhom f'dan il-kaz u dan ghaliex altrimenti naghtu lok ghas-sitwazzjoni illogika u ingusta illi socjeta` rregistrata f'Malta, li hija naturalment soggetta ghal-ligijiet tal-pajjiz ta' registrazzjoni taghha, ma tistax titlob l-applikazzjoni ta' l-istess ligi li ghaliha hija soggetta mill-Qrati ta' l-istess pajjiz taghha".

Naturalment socjeta` registrata f'Malta hija certament soggetta ghal-ligijiet Maltin. Izda dan ma jwassalx ghall-principju li din is-socjeta` ma tistax titlob l-applikazzjoni tal-istess ligi li ghaliha hija soggetta – cioe` l-ligi Maltija. Pero` fl-istess hin wiehed ma jistax jinjora l-ftehim li Malta dahlet fih u cioe` dak rigwardanti l-Komunita` Ewropeja u r-Regolament konsegwenzjali li jispecifika l-gurisdizzjoni fil-kaz ta' persuni domiciljati fl-Istat Membru jigu mfittxija fil-Qrati ta' dak l-Istat Membru. Ukoll hemm distinzjoni bejn il-ligi applikabbli u l-kuncett tal-gurisdizzjoni.

Aspett iehor huwa li s-socjeta` attrici ssottomettiet illi :
'' … f'dan il-kaz huma r-regoli ta' gurisdizzjoni specjali, u dawn kif stabbiliti fir-Regolament 44/2001 li huma

applikabbli u ghalhekk ma jibqawx japplikaw dawk generali''

Is-socjeta` attrici invokat l-Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001 sabiex tipprova ssejjes il-gurisdizzjoni ta' din l-Qorti fil-kaz odjern. Dan l-artikolu li jitkellem dwar **Special Jurisdiction** jipprovdi :
"A person domiciled in a Member State may, in another Member State, be sued:
1. (a) in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question;…
3. in matters relating to tort, delict or quasi-delict, in the courts for the place where the harmful event occurred or may occur;…"

Dan iwassal ghall-interpretazzjoni li l-Artikolu 5(1) tar-Regolament jirregola gurisdizzjoni specjali fir-rigward ta' materji relatati ma' <u>kuntratt</u>, filwaqt li l-Artikolu 5(3) jistabbilixxi r-regoli ta' gurisdizzjoni specjali fir-rigward ta' materji relatati ma' <u>***tort***, delitt jew kwazi-delitt.</u>

Ghalhekk ghandhom jigu sodisfatti zewg kundizzjonijiet sabiex l-Artikolu 5(3) japplika b'tali mod li jistabbilixxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin:
(i) il-vertenza ***de quo*** ghandha tirrelata ma' materja relatata ma' ***tort***, delitt jew kwazi-delitt [fil-kaz ta' **Kalfelis vs. Schroeder** (Case 189/87) l-ECJ kienet giet mitluba sabiex taghti decizjoni preliminari ***inter alia*** dwar il-kelma **"*tort*"** f'Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001 u l-ECJ qalet illi il-frazi "matters relating to tort, delict and quasi-delict" "must be regarded as an independent concept covering all actions which seek to establish the liability of a defendant and which are not related to a 'contract' within the meaning of Article 5(1)"; u
(ii) irid ikun gie fis-sehh jew potenzjalment jista' jigi fis-sehh ***harmful event*** f'Malta.

Fil-kaz citat ta' **Kalfelis vs. Schroeder** fil-paragrafu 19 l-ECJ qalet illi:
"the 'special jurisdictions' enumerated in Article 5… constitute derogations from the principle that jurisdiction is

vested in the courts of the State where the defendant is domiciled and as such must be interpreted restrictively”.

Issa skond dak li jirrizulta fis-sitt paragrafu tan-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta :
“ … il-mizuri li qed tfittex li timponi s-socjeta` konvenuta huma intizi sempliciment sabiex jimplimentaw il-ftehim tas-16 ta’ Gunju 2003 u jissalvagwardjaw id-drittijiet legittimi taghha…”

Fl-ghaxar paragrafu tac-citazzjoni attrici [fol 1 retro] jinghad:
“Peress illi minkejja l-isforzi sucitati tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta kompliet tostakola l-attivitajiet legali tas-socjeta` attrici permezz ta’ ittri ta’ theddid u mizuri ohra inkluz li tobbliga s-socjeta` attrici tuza ***geolocation software*** fir-rigward ***tas-servers*** taghha f’Malta, liema mizuri kienu jmorru oltre l-ftehim sucitat”;

Izda in analizi tac-citazzjoni u nota tal-eccezzjonijiet jirrizulta li x-xewqa ta’ limitazzjoni tal-ezercizzju tan-negozju tal-partijiet fuq l-***internet***, li s-socjeta` konvenuta qed tagixxi a detriment ta’ dik attrici, hemm il-kwistjoni tad-dritt ta’ fornitura ta’ servizzi, l-allegazzjoni tal-vjolazzjoni tal-ligijiet Ewropej dwar kummerc hieles. Hemm l-allegazzjoni li oltre li nkiser il-ftehim tat-13 ta’ Gunju 2003 hemm affarijiet ohra bhal infurzar tal-mizuri drastici u sproporzjonati bhal uzu ta’ ***geolocation software***, liema allegazzjonijiet huma ta’ agir in ***tort***. Is-socjeta` attrici ssostni li l-agir tas-socjeta` konvenuta jmur kontra varji ligijiet bazilari tal-Unjoni Ewropeja senjatament il-kompetizzjoni hielsa. Dawn mhux allegazzjonijiet relatati biss mal-kuntratt imsemmi izda jmorru oltre l-iskop tal-kuntratt u ghalhekk ma jistax jitqies li l-materja hi relatata mal-kuntratt. L-uzu tal-***geolocation software*** kif ukoll l-imblukkar tal-loghobiet kollha offruti mis-socjeta` attrici (u mhux biss ***sports betting***, kif kien ippreciza fl-imsemmi ftehim) f’parti mill-Unjoni Ewropeja certament li jmorru oltre l-ftehim milhuq bejn il-partijiet u jezorbitaw minn tali kuntratt.

Dwar l-aspett tal-***harmful event*** u cioe` t-tieni rekwizit ta' l-Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001, irid jigi ppruvat illi fil-fatt ikun sehh **'*harmful event*'** f'Malta sabiex il-qrati Maltin isibu li ghandhom gurisdizzjoni f'kaz partikulari. Issa hemm il-kwistjoni li s-socjeta' konvenuta ghandha licenzja sabiex toffri l-games of chance lil residenti Olandizi. Fid-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta din ma tiddiregix l-attivitajiet taghha lil residenti ta' pajjizi ohrajn. L-espressjoni *'**place where the harmful event occurred'*** "cannot be construed so extensively as to encompass any place where the adverse consequences can be felt of an event which has already caused damage elsewhere" [**Antonio Marinari vs Lloyds Bank p.l.c. et**](paragrafu 14 tad-decizjoni ta' l-ECJ).

Ukoll fil-kawza **Bier BV vs. Mines de Potasse d'Alsace SA** (Case 21/76 ECR 1735) intqal:
"must be understood as being intended to cover both the place where the damage occurred and the place of the event giving rise to it" (paragrafu 11 tad-decizjoni ta' l-ECJ).

Fil-fehma tas-socjeta` konvenuta dan hawn fuq imsemmi jwassal ghall-konkluzjoni li **l-"*harmful effects*"** ta' l-allegat agir sar fl-Olanda u operazzjonijiet li sehhu go l-Olanda u recipjenti ta' servizzi fl-Olanda; fi kliem iehor il-post fejn gew sofruti d-danni huwa l-Olanda.

Min-naha l-ohra s-socjeta` attrici ssostni li l-***harmful effects*** li tilmenta minnhom is-socjeta` attrici gew jew jistghu jigu fis-sehh f'Malta.

Fadal ghalhekk li jigi determinat liema parti ghandha ragun dwar l-aspett tal-***harmful effects***.

Jinghad ukoll li s-socjeta` konvenuta ghamlet referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti Distrettwali ta' Arnhem, l-Olanda datata 21 ta' Novembru 2005 liema decizjoni hija soggetta ghall-appell. F'din id-decizjoni l-imsemmija Qorti Olandiza ghamlitha bic-car illi in kwantu l-materja tal-vertenza odjerna tirrigwarda *tort*, huma l-qrati Olandizi li ghandhom gurisdizzjoni (senjatament paragrafu 4.2);

filwaqt li in kwantu l-materja tirrigwarda s-***settlement agreement*** ossia l-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet u l-obbligazzjonijiet tas-socjeta` attrici taht l-istess kuntratt, huma l-qrati Maltin li ghandhom gurisdizzjoni (vide paragrafu 4.1 ta' Dok X).

Fil-kaz in ezami s-socjeta` konvenuta hija kumpanija domiciljata fl-Olanda.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk dwar l-ewwel eccezzjoni l-Qorti tiddikjara li dwar l-aspett tal-gurisdizzjoni certament huwa applikabbli:

- l-artikolu 249 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropeja (ara wkoll Kap 460 art 3 u 4).
- ir-Regolament Ewropew 44 tal-2001 riferibbilment ghal ***Civil*** u ***Commercial Matters*** kif definiti fl-artikolu 1.
- oltre l-artikolu 2(1) riferibbli ghal domicilju u l-pre-amboli 11 u 12 tar-Regolament huwa applikabbli l-artikolu 5 tal-imsemmi Regolament b'mod li f'materji dwar kuntratt huma l-Qrati tal-post fejn ghandha ssir il-***performance of the obligation*** waqt li f'materji ta' ***tort***, ***delict or*** kwazi ***delict*** fil-Qrati "***where the harmful event occurred or may occur***".

Ghalhekk hu necessarju li l-Qorti taghti zmien lill-partijiet biex jaghmlu l-provi taghhom dwar l-artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001.

Ghal dan l-iskop tiddifferixxi l-kawza ghas-26 ta' Marzu, 2007 fl-10.30 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------